



6153/25

**CLIMA 25
ENV 69
ENER 23
TRANS 25
IND 33
COMPET 66
MI 79
ECOFIN 144
DELACT 9**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 11 ta' Frar 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: C(2025) 814 final

Suġġett: REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'11.2.2025
li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 li jiġi supplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet isibū meħmuż id-dokument C(2025) 814 final.

Mehmuż: C(2025) 814 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.2.2025
C(2025) 814 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'11.2.2025

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 li jissupplimenta d-Direttiva
2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-
Reġistru tal-Unjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Reġistru tal-Unjoni huwa stabbilit skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/87/KE¹. Ir-regoli dwar il-funzjoni tar-Reġistru tal-Unjoni ġew stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1193/2011² u fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013³ għat-tielet perjodu ta' skambju tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) (2013-2020). Ir-regoli tar-Reġistru tal-Unjoni ġew adattati għall-kuntest legali l-għid stabbilit għar-raba' perjodu ta' skambju tal-EU ETS (2021-2030) mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122⁴ li huwa applikabbi mill-1 ta' Jannar 2021. Dan tal-aħħar ġħassar lil dak tal-ewwel fil-biċċa l-kbira tal-partijiet. Madankollu, l-issodisfar tar-rekwiżiti tat-tieni perjodu tal-Protokoll ta' Kjoto għadu regolat mir-Regolament (UE) Nru 389/2013.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni stabbiliet il-Grupp ta' Esperti tal-Politika dwar it-Tibdil fil-Klima fis-27 ta' Marzu 2018. Għat-tħejjija ta' dan ir-Regolament Delegat, saru laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tal-Politika dwar it-Tibdil fil-Klima fis-27 ta' Awwissu, fid-19 ta' Settembru, fil-31 ta' Ottubru u fil-11 ta' Diċembru 2024.

Id-dokumenti rilevanti għal-laqgħat ġew trażmessi simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif previst fil-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati anness mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Ligħiġiet⁵. L-observazzjonijiet espressi mill-grupp ta' esperti tqiesu fit-tħejjija tal-abbozz tar-Regolament Delegat.

Barra minn hekk, il-feedback online dwar it-test tar-Regolament Delegat ingābar fil-Portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar għal 4 ġimħat bejn it-13 ta' Diċembru 2024 u l-10 ta' Jannar 2025. Ġew ippreżentati 20 kontribut, erbgħa minn ċittadini, sitta minn kumpaniji, wieħed minn organizzazzjoni mhux governattiva, tlieta minn awtoritajiet pubbliċi, erbgħa minn assoċċazzjoni tan-negozju u wieħed f'isem l-istituzzjonijiet akkademiċi u kontribut ieħor.

¹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1193/2011 tat-18 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni għall-perjodu ta' negozjar li jibda mill-1 ta' Jannar 2013, u għal perjodi ta' negozjar sussegamenti, tal-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004 u (UE) Nru 920/2010 (ĠU L 315, 29.11.2011, p. 1).

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 tat- 2 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjonijiet Nru 280/2004/KE u 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 920/2010 u 1193/2011 (ĠU L 122, 3.5.2013, p. 1).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jiġi supplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3).

⁵ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Ligħiġiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725⁶ u ta opinjoni fl-14 ta' Jannar 2025.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ħolqot sistema tal-ETS kontigwa għall-bini, għat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali mill-2027 'il quddiem. Dawn il-bidliet jeħtieġ li jiġi riflessi ulterjorment fir-Regolament dwar ir-Reġistru, sabiex l-entitajiet regolati jingħataw ir-regoli u l-għodod biex jirreġistraw fir-Reġistru tal-Unjoni għall-konformità tagħhom mal-ETS.

L-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS għat-trasport marittimu. Meta kumpanija tat-tbaħħir ma tibqax inkluża fl-EU ETS f'konformità mal-Anness I ta' dik id-Direttiva, f'sena partikolari, ir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jeħtieġ li jiġi emendat biex jirrifletti din l-esklużjoni.

Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill eskludiet mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-installazzjonijiet fejn l-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-bijomassa jikkontribwixxu bħala medja għal aktar minn 95 % tal-emissjonijiet medji totali ta' gassijiet serra. Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jeħtieġ li jiġi emendat biex jirrifletti din l-esklużjoni.

Id-Direttiva 2003/87/KE tipprevedi li l-kwoti maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2013, għall-ewwel u t-tieni fażi tal-EU ETS, ma jibqgħux validi. Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 għandu jiġi emendat sabiex jiġi evitati l-impatti negattivi fuq l-operaturi li ma għandhom l-ebda mezz tekniku jew legali biex jikkonformaw mal-obbligli preċedenti tal-EU ETS.

L-esperjenzi tal-passat urew każijiet fejn is-sentenzi tal-Qorti jwasslu għal sitwazzjonijiet bħall-esklużjoni ta' operatur jew settur mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jeħtieġ li jiġi emendat biex tīgi żgurata l-infurzabbiltà ta' tali sentenza u r-restituzzjoni tal-kwoti li għalihom iċ-ċediment ġie invalidat mill-Qorti.

Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill stabbiliet mekkaniżmu ta' appoġġ addizzjonali għall-użu tal-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli. Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 334/2023 stabbiliet sistema għall-Iż-żlanda biex talloka kwoti bla ħlas addizzjonali lill-operaturi tal-ingħenji tal-ajru. Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jeħtieġ li jiġi emendat biex jirrifletti dawn il-bidliet.

L-Artikolu 14(5) u (6) tad-Direttiva 2003/87/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika ċerta data dwar l-emissjonijiet aggregata għal kull operatur tal-ingħenji tal-ajru għal finijiet ta' trasparenza. Din it-trasparenza għandha tīgi riflessa fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122.

Din l-emenda tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tipprovi opportunità biex jiġi introdotti xi elementi ta' simplifikazzjoni jew kjarifika li ħarġu mill-esperjenza tal-passat.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fizċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'11.2.2025

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tagħha, Billi:

- (1) Id-Direttiva 2003/87/KE stabbiliert sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni ("EU ETS"). Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122² issupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni. Minħabba n-natura tal-attivitajiet tat-transport marittimu, b'mod partikolari t-tbähhir tal-merkanzija bl-ingrossa, kumpanija tat-tbähhir tista' twettaq l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS, kif definit fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, f'xi perjodi ta' rapportar u barra minnhom f'oħrajn. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritat jippej kompetenti jkollhom il-possibbiltà li jitolbu lill-amministratur nazzjonali jisettja l-kont ta' depożitu ta' operatur marittimu ta' kumpanija tat-tbähhir li ma għadhiex inkluża fl-EU ETS għal status ta' "eskluż", wara li jagħtu avviż minn qabel lill-kumpanija tat-tbähhir ikkonċernata. Jenħtieġ li dan l-istatus jibqa' sakemm l-awtorità kompetenti tinnotifika lill-amministratur nazzjonali li l-kumpanija tat-tbähhir reġgħet ġiet inkluża fl-EU ETS.
- (2) L-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE ġie emendat bid-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u jipprevedi li l-installazzjonijiet mhumiex koperti mid-Direttiva 2003/87/KE fejn matul il-perjodu ta' 5 snin rilevanti preċedenti msemmi fl-Artikolu 11(1), it-tieni subparagraphu ta' dik id-Direttiva, l-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-bijomassa li tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14 ta' dik id-Direttiva jikkontribwixxu bħala medja għal aktar minn 95 % tal-emissjonijiet medji

¹ ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1122/oi).

³ Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/959/oi>).

totali tal-gassijiet serra. Għalhekk, l-amministraturi nazzjonali jeħtieġ li jkunu jistgħu jisettjaw il-kontijiet tal-operaturi għal status ta' "eskuż".

- (3) L-Artikolu 30f(4) tad-Direttiva 2003/87/KE jipprevedi li l-entitajiet regolati għandhom jirrapportaw l-emissjonijiet storiċi mill-2025. L-Artikolu 30f(2) ta' dik id-Direttiva jipprevedi li l-entitajiet regolati għandhom jirrapportaw l-emissjonijiet ivverifikati mill-2026. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u meta jitqies li se jkun possibbli biss għall-entitajiet regolati li jżommu l-kwoti tal-emissjonijiet fuq il-kontijiet ta' depożitu ta' entità regolata mill-bidu tal-irkantar fl-2027, jenħtieġ li l-amministraturi nazzjonali joħolqu kont ta' awtorità nazzjonali kompetenti li jkollu, b'mod eskużiv, il-fini li jirrapporta l-emissjonijiet storiċi fl-2025 u l-emissjonijiet ivverifikati fl-2026 fil-livell aggregat.
- (4) Biex il-Kummissjoni tkun tista' tikkalkula l-limitu massimu għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-kombustjoni fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq għas-sena 2028, jenħtieġ li l-emissjonijiet dettaljati għal kull entità regolata jiġu rrapportati lill-Kummissjoni mill-amministratur nazzjonali sat-30 ta' Ġunju 2025 u sat-30 ta' Ġunju 2026, kif applikabbli, b'meZZi elettroniċi u bl-użu tal-mudelli jew l-ispeċifikazzjonijiet tal-format tal-fajl ippubblikati mill-Kummissjoni f'konformità mat-Tabella IX-IV tal-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122.
- (5) L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2003/87/KE jipprevedi li l-kwoti maħruġa mill-1 ta' Jannar 2013 għandhom ikunu validi b'mod indefinit. Il-kwoti maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2013, għall-ewwel u għat-tieni fażi tal-EU ETS, ma għadhomx validi u l-kwoti kollha bħal dawn miżmuma fil-kontijiet ġew invalidati fi tmiem il-perjodu tal-konformità rispettiv. Għaldaqstant, ċifra negattiva ta' konformità ma tistax tīgi kkoreġuta minn installazzjoni stazzjonarja u tibqa' indefinitivament. Sabiex jiġu evitati l-impatti negattivi fuq l-operaturi li ma għandhom l-ebda mezz tekniku jew legali biex jikkonformaw mal-obbligli preċedenti tal-EU ETS, jenħtieġ li dik iċ-ċifra negattiva tal-ewwel u t-tieni fażi tal-EU ETS ma titqiesx fil-kalkolu tal-istatus ta' konformità.
- (6) L-esperjenzi tal-passat urew in-nuqqas ta' konformità minn xi operaturi mal-obbligi ta' ċediment stabbiliti fl-Artikolu 12 (3) tad-Direttiva 2003/87/KE. Sabiex tīgi evitata d-distorsjoni tal-objettivi tal-ETS, u tīgi żgurata l-konformità, jekk, fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, l-għadd ta' kwoti ċeduti minn kont ta' depożitu ta' installazzjoni stazzjonarja jew minn kont ta' depożitu ta' operatur tal-ingħenji tal-ajru jkun inqas mill-emissjonijiet ivverifikati tiegħu fil-perjodu attwali u inkluża s-sena preċedenti, jenħtieġ li l-amministratur ċentrali jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jisettja l-kont ta' operatur korrispondenti għal status ta' "imblukk".
- (7) L-Artikolu 3c(6) tad-Direttiva 2003/87/KE stabbilixxa mekkaniżmu ta' appoġġ addizzjonali għall-użu tal-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli. L-appoġġ jingħata fil-forma ta' allokkazzjoni ta' kwoti lill-operaturi tal-ingħenji tal-ajru. Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 334/2023 stabbiliet sistema għall-Iżlanda biex talloka kwoti bla ħlas addizzjonali lill-operaturi tal-ingħenji tal-ajru. Sabiex tīgi żgurata l-kontabbiltà xierqa tal-kwoti, jenħtieġ li t-tabella ta' allokkazzjonijiet tal-avjazzjoni tīgi estiżza kif xieraq.
- (8) L-Artikolu 14(6) tad-Direttiva 2003/87/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika ċerta data dwar l-emissjonijiet aggregata għal kull operatur tal-ingħenji tal-ajru. Din id-data mhijiex rilevanti għall-konformità kkontrollata mir-Reġistru tal-Unjoni u d-data aggregata f'livelli differenti tīgu ppubblikata għall-finijiet biss ta' trasparenza. Is-sit web pubbliku tar-Reġistru tal-Unjoni digħi jippubblika sett ta' data għal kull operatur

tal-ingēnji tal-ajru. Għalhekk, huwa xieraq li għall-publikazzjoni tad-data dwar l-emissjonijiet skont dak l-Artikolu, jintuża l-istess sit web disponibbli għall-pubbliku. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-istess sit web jintuża għall-publikazzjoni tad-data dwar l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO2 kif irrapportata skont l-Artikolu 14(5) ta' dik id-Direttiva.

- (9) L-Artikolu 58 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jippermetti li d-detentur ta' kont jew amministratur nazzjonali li jaġixxi f'isem id-detentur tal-kont jitlob treggħiġ lura ta' tranżazzjonijiet imwettqa bi żball jew b'mod mhux intenzjonat. Sabiex tingħata aktar flessibbiltà lid-detentur tal-kont filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament korrett tal-obbligu kontabilistiku tar-Reġistru tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi estiż il-perjodu ta' żmien biex tiġi ppreżentata tali talba għat-treġġiġ lura.
- (10) Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u tal-qrati nazzjonali wasslu biex l-operaturi jew is-setturi jiġu eskuži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Sabiex tiġi żgurata l-infurzabbiltà ta' tali sentenzi u r-restituzzjoni tal-kwoti li għalihom iċ-ċedimenti jkunu ġew invalidati minn tali qorti, jenħtieġ li l-amministratur ċentrali jirrestitwixxi l-kwoti ċeduti lill-kont ta' depożitu tal-operatur. Sabiex ir-restituzzjoni tal-kwoti ma twassalx għal profit mhux mistenni għall-operatur li jibbenefika mir-restituzzjoni, jenħtieġ li l-għadd ta' kwoti li għandhom jiġu restitwiti jiġi ddeterminat b'kont meħud tal-evoluzzjoni tal-valur tal-kwoti u l-inflazzjoni.
- (11) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jiġi emendat kif xieraq.
- (12) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Jannar 2025.
- (13) Id-Direttiva 2003/87/KE tipprevedi li l-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-kombustjoni fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq għandhom jibdew fl-2025. Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u cċarezza, jenħtieġ li r-regoli għall-ftuħ tal-kont ta' awtorità nazzjonali kompetenti għall-fin tar-rapportar tal-emissjonijiet għas-sena 2024 u għall-fin tar-rapportar tal-emissjonijiet ivverifikati għas-sena 2025 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025.
- (14) Mill-1 ta' Jannar 2025, il-kwoti ġenerali għandhom jinħarġu wkoll għas-settur tal-avjazzjoni, permezz ta' allokazzjoni bla ħlas u ta' rkantar. Jenħtieġ għalhekk li mill-1 ta' Jannar 2025 il-kwoti ġenerali jiġu ttrasferiti mill-Kont tal-Bejgħ bl-Irkant tal-UE.
- (15) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'mod urġenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 huwa emendat kif ġej:

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, ufficċċi u aġenċiji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39–98 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>

(1) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi 6b u 6c li ġejjin:

“6b. Malli tasal notifika mingħand l-awtorità kompetenti li kumpanija tat-tbaħħir ma għadhiex inkluża fl-ETS tal-UE f'konformità mal-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE f'sena partikolari, l-amministratur nazzjonali għandu jisettja l-kont ta’ depożitu tal-operatur marittimu korrispondenti. għal status ta’ “eskluż”, wara li jkun ta avviż minn qabel lill-kumpanija tat-tbaħħir ikkonċernata u jżomm il-kont f'dak l-i-status sakemm tasal notifika mingħand l-awtorità kompetenti li l-kumpanija tat-tbaħħir ġiet inkluża mill-ġdid fl-ETS tal-UE.

“6c. Meta installazzjoni ma tkunx koperta mill-ETS tal-UE f'konformità mal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, l-amministratur nazzjonali għandu jisettja lill-operatur korrispondenti għal status ta’ “eskluż”, għad-durata tal-eskużjoni.”;

(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b’dan li ġej:

‘7. Ma jista’ jinbeda l-ebda proċess minn kontijiet eskużi, inklużi għat-trasferimenti ta’ kwoti, għajr għall-proċessi speċifikati fl-Artikolu 22, fl-Artikolu 48(4) u (5), fl-Artikolu 50(6) u (8), u fl-Artikolu 57 u għall-proċessi speċifikati fl-Artikoli 31 u 56 li jikkorrispondu għall-perjodu fejn l-i-status tal-kont ma jkunx ġie ssettjat għal dak ta’ “eskluż”.’;

(2) L-Artikolu 15b huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2 jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“B’deroga mill-ewwel subparagrafu, għat-talbiet ippreżentati mill-1 ta’ Ġunju 2026 sal-31 ta’ Diċembru 2027, l-iskadenza għall-amministratur nazzjonali biex jiftaħ kontijiet ta’ depożitu ta’ entità regolata għandha tkun ta’ 40 jum tax-xogħol mill-wasla ta’ sett komplut ta’ informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1.”;

(b) jitħassar il-paragrafu 4;

(c) jiżdiedu l-paragrafi 7, 8 u 9 li ġejjin:

“7. B’deroga mill-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, mill-1 ta’ Ġunju 2026 sal-15 ta’ Settembru 2026, l-entitajiet regolati li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Kapitolo IVa tad-Direttiva 2003/87/KE għandhom jitħol li jifθu kont ta’ depożitu ta’ entità regolata fir-Reġistru tal-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu.

8. B’deroga mill-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, l-amministratur nazzjonali għandu jiftaħ kont ta’ awtorità nazzjonali kompetenti għall-fini tar-rapportar tal-emissjonijiet storiċi għas-sena 2024 f'konformità mal-Artikolu 30f(4) tad-Direttiva 2003/87/KE u għall-fini tar-rapportar tal-emissjonijiet ivverifikati għas-sena 2025 f'konformità mal-Artikolu 30f(2) ta’ dik id-Direttiva. L-emissjonijiet aggregati fil-livell nazzjonali għandhom jiġu rrapporati mill-amministratur nazzjonali fir-Reġistru tal-Unjoni permezz tal-kont ta’ awtorità nazzjonali kompetenti sat-30 ta’ Ġunju 2025 u sat-30 ta’ Ġunju 2026, kif applikabbli. L-emissjonijiet dettaljati għal kull entità regolata għandhom jiġu rrapporati lill-Kummissjoni sat-30 ta’ Ġunju 2025 u sat-30 ta’ Ġunju 2026, kif applikabbli, mill-amministratur nazzjonali b’mezzi elettroniċi oħra għajr permezz tar-Reġistru tal-Unjoni u billi jintużaw il-mudelli jew l-ispeċifikazzjonijiet tal-format tal-fajl ippubblikati mill-Kummissjoni f'konformità mat-Tabella IX-IV tal-Anness IX ta’ dan ir-Regolament.

9. Il-kontijiet tal-awtorità nazzjonali kompetenti ma għandhomx ikollhom kwoti.”.

(3) Fl-Artikolu 20, għandu jiżdied il-paragrafu 10 li ġej:

“10. Għall-kontijiet ta’ awtorità nazzjonali kompetenti miftuħa f’konformità mal-Artikolu 15b(8), ir-rekwiżit li jkun hemm rappreżentanti awtorizzati f’konformità ma’ dan l-Artikolu ma għandux japplika. Għal tali kontijiet għandha tiġi nnominata mill-inqas persuna ta’ kuntatt waħda.”;

(4) fl-Artikolu 22, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Id-detenturi tal-kontijiet kollha għandhom jinnotifikaw lill-amministratur nazzjonali fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol bil-bidliet fl-informazzjoni dwar il-kont. Barra minn hekk, id-detenturi ta’ kontijiet ta’ depożitu ta’ installazzjoni stazzjonarja, ta’ kontijiet ta’ depożitu ta’ operatur tal-ingħenji tal-ajru u ta’ kontijiet ta’ depożitu ta’ operatur marittimu, għandhom jikkonfermaw mal-amministratur nazzjonali sat-30 ta’ Ġunju ta’ kull sena li l-informazzjoni dwar il-kontijiet tagħhom għadha kompluta, aġġornata, preċiża u vera, filwaqt li d-detenturi ta’ kontijiet ta’ depożitu ta’ entità regolata għandhom jagħtu dik l-informazzjoni sal-31 ta’ Marzu ta’ kull sena.”;

(5) jiddaħħal l-Artikolu 26c li ġej:

“Artikolu 26c

Għeluq ta’ kontijiet ta’ awtorità nazzjonali kompetenti

L-amministratur nazzjonali jista’ jagħlaq kont ta’ awtorità nazzjonali kompetenti jekk l-emissjonijiet irrapportati skont l-Artikolu 15b(8) ikunu ġew irregistri.”;

(6) jiddaħħal l-Artikolu 32a li ġej:

“Artikolu 32a

Imblokkar ta’ kontijiet minħabba nuqqas ta’ ċediment tal-kwoti

1. Jekk, fl-1 ta’ Ottubru ta’ kull sena, l-għadd ta’ kwoti ċeduti għall-perjodu attwali skont l-Artikolu 56 minn kont ta’ depożitu ta’ installazzjoni stazzjonarja jew minn kont ta’ depożitu ta’ operatur tal-ingħenji tal-ajru li jirċievi allokazzjoni bla ħlas ta’ kwoti, ikun inqas mill-emissjonijiet ivverifikati tiegħu fil-perjodu attwali u inkluża s-sena preċedenti, flimkien ma’ fattur ta’ korrezzjoni, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jisettja l-kont ta’ operatur korrispondenti għal status ta’ “imblukk”.

2. Meta l-kwoti dovuti pendent kollha jkunu ġew ċeduti minn kont ta’ operatur skont l-Artikolu 56, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jisettja l-kont tal-operatur korrispondenti għal status ta’ “miftuħ”. ”;

(7) fl-Artikolu 33, jiddaħħal il-paragrafu 1d li ġej:

“1d. Meta c-ċifra negattiva tal-istatus ta’ konformità tirriżulta biss mill-ewwel jew mit-tieni fażi tal-ETS tal-UE u fejn ma tkunx tista’ tiġi kkoreġuta f’fażiżiet futuri minn operatur ta’ installazzjoni stazzjonarja, dik iċ-ċifra negattiva ma għandhiex titqies fil-kalkolu taċ-ċifra tal-istatus ta’ konformità f’konformità mal-paragrafu 1.”;

(8) L-Artikolu 40 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 40

Trasferiment ta’ kwoti tal-avjazzjoni li għandhom jinbiegħu bl-irkant

1. L-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi, f’waqtu, f’isem l-Istat Membru rkantatur rilevanti kif irrappreżentat mill-irkantatur tiegħu maħtur f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 2023/2830*, il-kwoti ġenerali għall-avjazzjoni mill-Kont ta’ Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta’ Bejgħ bl-Irkant tal-UE fi kwantità li tikkorrispondi għall-volumi annwali ddeterminati skont dak ir-Regolament.

2. F'każ ta' aġġustamenti tal-volumi annwali tal-kwoti f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2023/2830, l-amministratur ċentrali għandu jittrasferixxi kwantità korrispondenti ta' kwoti ġenerali mill-Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE għall-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-UE, jew mill-Kont ta' Bejgħ bl-Irkant tal-UE għall-Kont ta' Kwantità Totali tal-Avjazzjoni tal-UE, skont il-każ.

*Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2830 tas-17 ta' Ottubru 2023 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi regoli dwar il-kalender, l-amministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkantar ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, ĠU 2023/2380, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2830/oj”;

(9) fl-Artikolu 48, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi l-kwoti ġenerali awtomatikament mill-Kont ta' Allokazzjonijiet tal-UE f'konformità mat-tabella ta' allokazzjonijiet nazzjonali rilevanti għall-kont ta' depożitu rilevanti miftuħ jew imblukkata ta' operatur, filwaqt li jitqiesu l-modalitajiet tat-trasferiment awtomatiku speċifikat fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-data previsti fl-Artikolu 75”;

(10) fl-Artikolu 49, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. Il-bidliet fit-tabelli ta' allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni li jsiru f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 334/2023** għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni mill-Istat Membru li jalloka l-kwoti.

** Id-Deċiżjoni tal-kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 334/2023 tat-8 ta' Diċembru 2023 li temenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/1419] (ĠU L, 2024/1419, 13.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1419/oj>). ”;

(11) fl-Artikolu 50, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittrasferixxi l-kwoti tal-avjazzjoni, u mill-1 ta' Jannar 2025 il-kwoti ġenerali, awtomatikament mill-Kont ta' Allokazzjonijiet għall-Avjazzjoni tal-UE għall-kont ta' depożitu miftuħ jew imblukkata rilevanti tal-operatur tal-ingħenji tal-ajru, filwaqt li jitqiesu l-modalitajiet tat-trasferiment awtomatiku speċifikat fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ta' skambju tad-data previsti fl-Artikolu 75.”

(12) fl-Artikolu 54(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) mill-1 ta' Jannar 2025, il-kwoti ġenerali għall-avjazzjoni mill-Kont tal-Bejgħ bl-Irkant tal-UE;”;

(13) L-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“It-talba għandha tkun iffirmata kif xieraq mir-rappreżentant awtorizzat jew mir-rappreżentanti awtorizzati tad-detentur ta' kont li jkunu awtorizzati sabiex jibdew it-tip ta' tranżazzjoni li jkollha titregħha lura u għandha tintbagħha bil-posta fi żmien 30 jum tax-xogħol mill-finalizzazzjoni tal-proċess.”;

(b) fil-paragrafu 6, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) tranżazzjoni li ċċedi jew tħassar il-kwoti li għandhom jitreggħu lura ma tkunx tlestiet aktar minn 40 jum tax-xogħol qabel il-proposta tal-amministratur tal-kont f’konformità mal-paragrafu 3;”;

(14) qabel il-Kapitolu 3, jiddaħħal l-Artikolu 58a li ġej:

“Artikolu 58a

Restituzzjoni tal-kwoti

“1. L-amministratur ċentrali għandu jirrestiwi xxi l-kwoti ċeduti fil-kont ta’ depożitu ta’ operatur biex jagħti effett lil deċiżjoni u sentenza ta’ Stat Membru f’konformità mal-Artikolu 27 jew mal-Artikolu 27a tad-Direttiva 2003/87/KE, jew lil sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li ssib li l-attivitajiet imwettqa mill-operatur jaqgħu barra mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dik id-Direttiva.

2. L-għadd ta’ kwoti li għandhom jiġu restitwiti għandu jiġi ddeterminat billi tiġi applikata l-formula li ġejja u għandu jitqarreb għall-eqreb numru sħiħ:

L-għadd ta’ kwoti li għandhom jiġu restitwiti =

L-għadd ta’ kwoti ċeduti b’mod eċċessiv
× (il-valur medju tal-kwoti, aġġustat għall-inflazzjoni, fis-sena taċ-ċediment
÷ il-valur medju tal-kwoti fis-sena tar-restituzzjoni)

Fejn:

Il-valur medju tal-kwoti fis-sena taċ-ċediment jiġi ddeterminat abbażi tal-prezz medju mill-ikklerjar f’irkant għal dik is-sena fuq il-pjattaforma komuni tal-irkant skont l-Artikolu 26(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2830***.

Il-valur medju tal-kwoti fis-sena tar-restituzzjoni jiġi ddeterminat abbażi tal-prezz medju mill-ikklerjar f’irkant għal dik is-sena fuq il-pjattaforma komuni tal-irkant skont l-Artikolu 26(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2830

L-inflazzjoni hija ddeterminata abbażi tal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur ibbażat fuq l-Indiċi armonizzat tal-Unjoni Ewropea tal-Prezzijiet għall-Konsumatur.

3. L-istess tip ta’ kwoti li ġew ċeduti inizjalment għandhom jiġu restitwiti lill-kont ta’ depożitu ta’ operatur mill-kont ta’ tħassir tal-Unjoni.”;

*** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2830 tas-17 ta’ Ottubru 2023 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi regoli dwar il-kalender, l-amministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkantar ta’ kwoti tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra (ĠU L, 2023/2830, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2830/oj).”;

- (15) L-Anness I huwa emendat f’konformità mal-Anness I ta’ dan ir-Regolament;
- (16) L-Anness VII huwa emendat skont l-Anness II ta’ dan ir-Regolament;
- (17) l-Anness IX huwa emendat f’konformità mal-Anness III ta’ dan ir-Regolament;
- (18) L-Anness XI huwa sostitwit bit-test fl-Anness IV ta’ dan ir-Regolament;
- (19) l-Anness XIII huwa emendat f’konformità mal-Anness V ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1, il-punti (2), (3), (5), (8) u (12), u l-Anness I, l-Anness III u l-Anness V, il-punt (1), għandom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11.2.2025

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*